

*Aktar tard din is-sena se jitfakkar il-25 anniversarju mill-mewt ta' Dun Frans Camilleri, saċerdot umli, kittieb kbir, u eks-Direttur Spiritwali tal-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu. Għalhekk xieraq li b'riċerka u b'tiġdid ta' memorji nitkellmu dwar....*

# PROŻA, POEŻIJA U FOTOGRAFIJA GĦALL-GLORJA TA' ALLA



*minn Eric Montfort*

Dun Frans Camilleri ifisser ħafna memorji għal ħafna nies. Wisq iktar minn hekk, Dun Frans Camilleri ħalla wirt kbir fil-qasam spiritwali, letterarju, u fotografiku. Din is-sena, nhar is-6 ta' Diċembru, sejrin infakkru l-25 sena minn mewtu. Kien persunaġġ istruwit ħafna, u li ħabb ħafna l-ambjent, u dan meta wieħed iqis li twieled fin-naħiet ta' Triq Ħal Qormi, l-Marsa, u li fi tfulitu għex hemm, kif ukoll fi Pjazza Magri, postijiet mimlija bini u mingħajr ebda ħdura. Dun Frans Camilleri tgħallem iħobb ix-xtieli u n-natura u ħaddanhom f'bosta kitbiet għat-tfal kif ukoll f'ħafna innijiet reliġjużi, kif ukoll fil-fotografija. Twieled nhar id-29 ta' Jannar 1919 u studja fl-iskola Primarja tal-Gvern, fil-Marsa, u fis-St Paul's School. Serva bħala abbati fil-Knisja Parrokjali ta' San Gejtanu u kompla l-istudji tiegħu fis-Seminarju tal-Furjana u l-Università ta' Malta fejn għamel il-Kors tat-Teoloġija. Ħa l-quddiesa fl-1943 u baqa' jqaddes kuljum fil-Knisja tal-Madonna ta' Porto Salvo, magħrufa aħjar bħala ta' Santunnuzzu, il-Ħamrun, u li tagħha kien Rettur għal ħafna snin. Għallem il-Malti fil-Kulleġġ San Alwiġi u s-Seminarju bejn is-snin 1944-1964. F'San Alwiġi, kien magħruf bħala l-'Ħaruf' għax kien ġwejjed u lest li jgħin lil kulħadd. Ħafna li għexu s-snin imqallba tas-sittinijiet jiftakruh ukoll iqarar u jieħu ħsieb il-bżonnijiet spiritwali tal-Laburisti li kienu ħadu l-interdett meta l-Knisja Kattolika Maltija kienet imponiet id-dnub il-mejjet fuq kull min kien jappoġġja lill-Partit Laburista dak iż-żmien.



*Dun Frans Camilleri mal-Poeta Nazzjonali Dun Karm f'ritratt meħud fid-dar ta' Dun Karm aktarx fis-17 ta' Settembru 1949*



*Dun Karm mal-kanarin tiegħu: l-aktar ritratt famuż tal-Poeta Nazzjonali - ritratt meħud minn Dun Frans Camilleri nhar il-15 ta' April 1952.*

Kien bniedem mimli kompassjoni, għerf u lest li jwennes lil kull min ikollu bżonn l-għajnuna. Infatti, Dun Frans kien karattru kwiet, ċajtier u paċenjuż, lest li jirrikonċilja. Dan deher anke lejn tmiem ħajtu meta fil-Ħamrun, ħadem ħafna minn wara l-kwinti biex it-tensjoni bejn iż-żewġ każini fil-Parroċċa ta' San Gejtanu tonqos wara l-frakass li kien inqala' fl-1987.

Dun Frans Camilleri wera mħabba kbira lejn ilsien pajjiżna. Fi tfulitu u f'żgħożitu, huwa ġarrab il-konflitt li nqala' bil-kwistjoni tal-lingwa Ingliża u Maltija flok it-Taljan bħala lsien nazzjonali. Kien ukoll parti minn moviment li ħabb il-Malti, anzi kien ukoll wieħed minn bosta reliġjużi, fosthom ukoll il-Poeta Nazzjonali Malti Dun Karm Psaila, li tassew ħabbew dak kollu li hu Malti u ħarġu mħabbithom b'kitbiet tassew mirquma.

Infatti, bħala poeta mexa fuq il-passi ta' Dun Karm, bis-sentiment reliġjuż jitwaħħad mal-patria. Fi kliemu stess insibu dan is-sentiment meta jgħid 'il-lingwa hija l-qalb u r-ruħ tan-nazzjon'. Ħadem ħafna sabiex ilsien pajjiżna jkompli jissaħħaħ bħala lsien nazzjonali u ħafna mix-xogħlijiet tiegħu dehru fir-rivisti letterarji **Il-Malti** u **Leħen il-Malti**.

Dun Frans kien attiv f'għadd ta' għaqdiet letterarji, fosthom l-**Għaqda ta' Qari Tajjeb** li tagħha kien segretarju u editur għal ħafna snin, u fl-**Akkademja tal-Malti**. Kien l-ewwel editur tar-rivista tal-Azzjoni Kattolika **Il-Ħuġġieġa** u editur ta' **Lil Ħutna**, ir-rivista maħsuba għall-emigranti Maltin. Kien membru fil-Bord tal-Viżitaturi tal-Ħabs.

Inħatar Assistent Ekkleżjastiku tas-St Thomas Moore Circle u kien Direttur Spiritwali ta' bosta għaqdiet, fosthom tal-Ħamrun Spartans, tal-Hobbies Society, tal-Chorus Melitensis, u tal-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu, li magħha kellu rabta tant kbira u qawwija.

Frans kiteb mal-500 innu għal parroċċi, skejjel, għaqdiet reliġjużi u lajċi - innijiet ispirati mill-ħajja Maltija kemm reliġjuża, kif ukoll soċjali u edukattiva, imqanqla b'mod speċjali mill-imħabba u l-qima li kellu lejn il-Madonna u l-Qaddisin. Il-poeżiji tiegħu dehru miġburin f'**Moħba ta' Qalb** (1945), **Fil-Ġnejna tat-Tfulija** - sensiela ta' poeżiji għat-tfal (1948), f'**Innijiet** (1948) u f'**L-Għanja ta' Ħajti** (1964). Ippubblika ukoll **Lejn id-Dawl** (1950), ġabra ta' esejs b'osservazzjonijiet fuq l-edukazzjoni, l-kultura, r-reliġjon u l-ħajja soċjali, xogħol avvanzat ħafna għal dak iż-żmien. Huwa qaleb għall-Malti ħafna innijiet u sekwenzi għall-missal. Kitbietu kisbet għarfien barra minn Malta, għax saħansitra, kien mistieden imur California, fl-Istati Uniti biex jieħu sehem f'publikazzjoni magħrufa bħala *Great Living Poets of the World.* Fi kliem il-kittieb **Trevor Żahra**, Dun Frans Camilleri kien il-pijunier tal-letteratura għat-tfal b'ilsienna.

niftakar lil Dun Frans jiġi l-Iskola Primarja tal-Marsa jitkellem dwar il-valur tax-xtieli u l-pjanti li tant kien iħobb ikabbar. Kien jagħmel dan fi spirtu ta' għarfien tal-Mulej Alla l-Ħallieq, li hu ried iservi, kif tixhed il-poeżija tiegħu *Sacerdos ad Eternum*, -Saċerdot għal Dejjem. Għad għandi memorja tajba ta' Dun Frans Camilleri bis-suttana ta' qassis, u bit-trepied u l-kamera, fi Triq it-Torri, Tas-Sliema, fis-snin 70 u fl-1980, snin qabel mal-*Front* ta' din it-triq spiċċa




*Il-qoxra tal-ktieb INNIJIETstampat f'Lux Press. li Dun Frans ippubblika fl-1948*

biex tilef il-karatteristiċi kollha tiegħu meta telgħu blokok kbar ta' bla ebda gost ta' xejn. Kont naraħ tard waranofsinhar, jistenna x-xemx tinżel sabiex ikun jista' jiġbed dawk ir-ritratti li jpaxxu l-għajnejn u li spiċċaw f'bosta kalendarji. Kien ukoll iżur il-kampanja f'bosta ħinijiet matul il-jum, u fi staġuni differenti, jistenna x-xemx tkun fl-aħjar pożizzjoni ħalli jkun jista' jiġbed ritratti bl-aħjar kwalità kreattiva, kemm jekk ir-ritratt ikun bil-kulur, kif ukoll jekk ikun iswed bl-abjad jew sepia. U dan fi żmien meta l-fotografija diġitali u bosta programmi ta' tisbiħ tar-ritratti lanqas biss konna noħolmu bihom. Illum, dawn il-kalendarji li fihom ir-ritratti ta' Dun Frans, ħafna minnhom miġbudin tul is-snin 60, 70 u 80 huma prezzjużi! Dun Frans kellu ukoll ritratti li spiċċaw f'kartolini u kalendarji barranin. Imma hu jibqa' magħruf l-aktar bħala l-fotografu tal-Poeta Nazzjonali, b'mod partikulari għar-ritratt ta' Dun Karm mal-kanarin. Tiegħu ukoll huwa l-film li issa ġie rrestawrat għal fuq DVD mid-Dipartiment tal-Informazzjoni, id-dokumentarju bit-titlu *Dun Karm - Il-Bniedem wara l-Poeta*.



*Dun Frans, li tant ħabb il-Ħamrun Spartans u li tagħhom kien Direttur Spiritwali għal bosta snin, jidher ferħan ħdejn is-Sur Victor Tedesco iżomm it-tazza tal-kampjonat Malti, wara l-quddiesa ta' radd il-ħajr fl-1983.*

**Monsinjur Mattew Chircop,** eks-Kappillan tal-Parroċċa, dwar Dun Frans kellu xi jgħid dan: 'Kien qassis bla pretensjonijiet, moħħu biss biex jaqdi lin-nies. Titolbu x'titolbu kien jara kif jagħmel biex jaqdik. Kien bniedem sempliċi, iħobb il-futbol. Ma ried xejn għalih.'

Forsi l-aktar kliem li ġabar dak li kien Dun Frans Camilleri hu dak li qal dwaru **Alfred Mallia Zarb**: 'Dun Frans jesa din id-dinja u l-oħra f'qalbu għax jasal għal Alla bl-imħabba lejn għajru.'

**Harry Zammit Cordina**, eks-President tal-Każin San Ġużepp jgħid li 'lil Dun Frans Camilleri niftakru jqaddes għax dak iż-żmien li kien ordnat saċerdot kont abbati. Dun Frans kien iħobb il-Ħamrun u l-Ħamrun Spartans. Hu u z-ziju, il-Kappillan Dun Nerik Cordina Perez, kienu jħobbu jaraw lill-Ħamrun Spartans jilgħabu, imma dak iż-żmien ma kienux jidħlu l-grawnd. Kienu jaraw il-logħob minn fuq il-bejt ta' xi ħadd Bellia (jekk niftakar sew) u jien u ħija Charles konna mmorru magħhom. Għandi tifkira ta' Dun Frans meta bħala President tal-Għaqda Mużikali San Ġużepp kont tlabtu jiktibli poeżija lil San Ġużepp fl-okkażjoni tal-ewwel ċentinarju tal-Għaqda Mużikali San Ġużepp. Dak iż-żmien Dun Frans, li kien joqgħod lejn Santa Venera, kitibli l-poeżija u fuq l-indirizz kiteb ukoll li din x'aktarx tkun l-aħħar poeżija, għax id-dawl ta' għajnejh kull ma jmur kien sejjer lura. Għadni ngħożż il-karta u l-envelopp. Kien fotografu prim u kien jagħmel kwadri bil-bebbux tal-baħar. Dun Frans li dejjem niftakru bis-suttana, kien bniedem għaref u umli ħafna.'



*Il-Kumitat tal-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu 1955-56. Dun Frans fuq quddiem ħdejn il-President ħabib tiegħu u poeta bħalu, Anton Buttigieg.*

**Monsinjur Philip Calleja**, Alla jbierku mimli bl-għomor u ħabib kbir ta' Dun Frans ukoll għandu ħafna memorji sbieħ dwaru: "Dun Frans kien bniedem li jekk jaqbad miegħek jeħel miegħek u ma jinqalax għax isir iħobb dak li hu tiegħek u jġiegħlek tħobb dak li hu jħobb f'ħaddieħor.



*Dun Frans ma' membri ħbieb Tamlin fuq it-terrazzin tal-Każin fl-1983*

Hekk Dun Frans kien iħobb lil Dun Karm Psaila u jġorr miegħu r-ritratt tagħhom it-tnejn iħarsu, jilgħabu u jdommu bejniethom xi versi lill-għasfur ta' Dun Karm fil-gaġġa, aktar milli jpespsulu. Kien ukoll iġorr għadd ta' karti bil-kitba tiegħu b'kummenti ta' Dun Karm. Dun Frans bil-ħbieb tiegħu kollha, ibda minn Karmen Mikallef Buhaġar, Maltija tal-Eġittu, sa Dott. Ċensu Depasquale, li kien Bibljotekarju xi żmien wara Dun Karm, kien jiġri u jikteb u jseksek magħhom.... L-istess hu kien viċin ta' Anton Buttigieg, poeta Malti, President tal-Każin ta' San Gejtanu u membru tal-Parlament. Baqa' sakemm laqqagħni miegħu u għaddieli f'idejja t-talba li kien kiteb biex tingħad fil-bidu tas-seduti tal-Parlament.... Hekk ukoll lil Oreste Kirkop, tenur ta' fama, mill-Ħamrun, u għax tenur ta' fama mondjali u mill-Ħamrun, weħel miegħu. Kiteb u kiteb dwaru f'*Lil Ħutna*, u xerred ismu u l-fama tiegħu mal-Awstralja u l-Kanada u l-Amerika.
Ma nistax, u ma niftakarx l-ismijiet kollha li weħel magħhom bil-kolla. Iżda ma nistax inħalli barra lil Paul Asciak, b'vuċi li nstemgħet tkanta fl-aqwa teatri tad-dinja, u Fr Patrick Cachia li miegħu ġera jesponi u jbigħ biċċiet ta' arti minn artisti Maltin biex nibnu Dar l-Emigrant, lill-mużiċista Charles Camilleri, lin-Nutar Vincent M. Pellegrini, lill-avukat u kittieb Herbert Ganado, lill-Professur tal-Malti Ġużè Aquilina, lill-Prof. Saydon li qaleb għall-Malti l-Iskrittura u s-suċċessur tiegħu Mons. Sant, u lill-poeta ħabib Patri Ġużè Delia."

Xieraq li qabel nagħlaq nagħti spazju għall-kliem ta' **Dott. John Buttigieg**, eks President tal-Każin San Gejtanu, li dwaru kien kiteb: ' L-ewwel tifkiriet li għandi ta' Dun Frans huma l-passiġġati li konna nagħmlu flimkien ma' missieri fil-kampanja wara l-mewt ta' ommi. Missieri kien waqa' f'niket kbir u kien isib il-faraġ billi noħorġu flimkien ma' Dun Frans fil-beraħ tal-kampanja. Niftakar qisu llum lil missieri jieqaf u jħażżeż xi erba' linji fuq xi xena li tkun ispiratu u lil Dun Frans bil-makna tar-ritratti f'idejh jiġbed ir-ritratti tal-widien u għoljiet sbieħ li konna nimxu fihom. It-tnejn ukoll kellhom imħabba kbira għall-pjanti u kienu jafu ħafna dwarhom. It-tnejn kienu pijunieri tal-letteratura Maltija u ħadmu sabiex l-ilsien Malti jsir l-ilsien uffiċjali ta' pajjiżna. Kienu jgħixu fi żminijiet meta kien hawn ħafna preġudizzji kontra l-ilsien Malti, imma ma qatgħux qalbhom għad li t-tnejn raw ħafna ma' wiċċhom. Fl-aħħar it-tnejn kellhom is-sodisfazzjon li jaraw l-ilsien li tant kienu jħobbu jsir il-lingwa uffiċjali ta' pajjiżna. Lil-letteratura Maltija żejnuha b'ħafna poeżiji sbieħ li tista' ssejħilhom ġojjelli.
Lil Dun Frans mhux biss nafu bħala ħabib kbir tal-familja, imma nafu wkoll bħala Direttur Spiritwali tal-Każin San Gejtanu. Dun Frans fil-Każin tagħna għamel ġid spiritwali kbir li ma jistax jintesa. Fis-soċjetà kien forza qawwija ta' moderazzjoni u dejjem ħadem sabiex il-poplu Ħamruniż ma jibqax iblaħ u mitluf fil-piki u l-ġlied, imma ta' għalliem kbir li kien, fetaħlu moħħu sabiex ikun magħqud u tolleranti. Verament kien anġlu tal-paċi.'

Impossibbli li nagħti lista tal-Innijiet kollha li Dun Frans Camilleri kiteb, iżda ma nistax lanqas ma ntemmx din it-tifkira billi ma nsemmix iż-żewġ innijiet tant sbieħ u maħbuba mill-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu, jiġifieri il-Kantata Lil San Gejtanu (1947), u l-Innu Lill-Banda San Gejtanu (1952), li t-tnejn għandhom mużika ta' Mro. Joseph Abela Scolaro, ħabib kbir ta' Dun Frans u li flimkien ħallew numru kbir ta' għaxqiet... wieħed bil-versi u l-ieħor bil-mużika.
U kif jingħad u hu: **il-poeta jibqa' ħaj bi vrusu**. Dun Frans Camilleri għadu magħna u jibqa' magħna fl-għanjiet sbieħ tiegħu.